**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Siraj S. B. Shalgum**

**Kumpilazzjoni Numru**: 504/2025

**Illum, 24 ta' Gunju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Siraj S. B. Shalgum** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0116466A akkuzat talli nhar is-07 ta' Gunju 2025 bejn il-hinijiet ta' 00.00hrs u 04.20hrs gewwa Santa Venera u/jew f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna lil martu **Malak M. El Ghnimi**, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);

*Art. 251(3), Art. 251H(a), Art. 251HA tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu **Malak M. El Ghnimi**, f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura hafifa fuq martu Malak M. El Ghnimi, hekk kif iccertifikaha Dr. Gabriel Grima (Med. Reg 6790) u liema delitt sar quddiem minuri u cioè tarbija ta' erba' xhur jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir;

*Art. 214, Art. 221(1), Art. 222(1)(a), Art. 202(hi)(i) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè serratura ta' bieb ta' residenza ghad-dannu ta' martu **Malak M. El Ghnimi**;

*Art. 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares xi wahda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL. D, fosthom li ma' jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fid-digriet datat nhar it-23 ta' Jannar, 2018 u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares xi wahda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL. D, fosthom li ma' jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fid-digriet datat nhar is-06 ta' Marzu, 2021 u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata

l-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil martu **Malak M. El Ghnimi** jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

*Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imputat **Siraj S. B. Shalgum**, kif ukoll tordna li s-sommom mposti fuqu bhala depozitu u/jew garanzija personali jew parti minnhom, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Siraj S. B. Shalgum** a beneficcju tal-persuna offiza u cioe' **Malak M. El Ghnimi** u dan ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' **Malak M. El Ghnimi** kif jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Siraj S. B. Shalgum** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijijet ta' Malta, għal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil **Siraj S. B. Shalgum** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi **Siraj S. B. Shalgum** sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat illi fl-istess seduta u cioè tat-08 ta' Gunju 2025 intalab mid-difiza li jithejja Social Enquiry Report u dan minhabba l-fatt illi l-imputat u l-parte civile ghandhom familja bit-tfal u dan bil-ghan li jissewwew id-divergenzi ta' bejniethom. Fil-fatt il-parte civile

kienet disposta li tiddikjara fl-ewwel seduta li hija riedet tahfer lill-imputat izda fuq insistenza ta' din il-Qorti din ma ghamlitx tali talba fl-ewwel seduta u dan biex taghti cans lill-ufficjal tal-Probation hekk imqabbda sabiex taghmel ix-xoghol taghha;

Illi rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Gabriella James datat 20 ta' Gunju 2025 fejn din talbet aktar zmien sabiex thejji dan ir-rapport li din it-talba giet milquha;

Rat ukoll ir-rikors tal-parte civile Malak M. El Ghnimi datat 20 ta' Gunju 2025 li sussegwentement gie kkonfermat bil-gurament fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2025, fejn din talbet li jigi sospiz l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront taghha kif ukoll li jitwaqqfu l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat zewgha u dan fl-ahjar interess tal-familja taghhom u stante li hi xtaqet terga' tirripacifika mal-imputat u dan skont id-dispozizzjoni tal-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fix-xhieda taghha datata 23 ta' Gunju 2025, il-parte civile spjegat ir-ragunijiet ghalfejn wassluha ghal dan il-pass principarjament peress li hi u l-imputat ghandhom familja bit-tfal zghar u ghalhekk, u ghar-raguni li hija tixtieq tinghaqad lura mar-

ragel taghha. Illi l-Qorti semghet ukoll kif l-incident gie *blown out of proportion*.

Illi qabel xejn irid jigi ppuntwalizzat li gialadarba dawn il-proceduri huma ta' natura ta' vjolenza domestika mela jinghad illi l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 isib applikabilità.

Illi dan is-sub Artikolu jiddisponi is-segwenti:

*(e) fil-kaz ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*

*Izda ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" ghandu jkollha l-istess tifsira moghtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbazi tal-Generu u l-Vjolenza Domestika:*

*Izda wkoll ghandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proceduri fil-qorti bis-sahha ta' dan l-artikolu ghal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proceduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bhal dik il-qorti tista' tiddeciedi u tordna li l-proceduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li*

*tinghata konsiderazzjoni partikolari ghall-ahjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u ghandha tordna li dik it-talba u decizjoni jigu registrati fl-inkartamenti tal-kaz."*

Illi gialadarba l-parte civile Malak M. El Ghnimi wriet ix-xewqa li terga' tipprova tirripacifika mal-imputat zewgha u dan anke ghall-ahjar interess tal-minuri, din il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax maghha u takkordalha tali talba, u dan wara li assigurat ruhha li t-talba tal-parte civile kienet qieghda ssir b'mod liberu u volontarju.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-proceduri odjerni fil-konfront tal-akkuzat Siraj S. B. Shalgum jitwaqqfu u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**